MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 75/2011

**Henry sive Eric Micallef ID 871348M, Rosabelle Mousu mart Saviour ID 643446M u Josette Scicluna mart Alfred ID 555443M**

**vs**

**Mounier Safta ID 241093(M) u Grace Safta ID 0248557(M)**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur;

Illi huma jikru l-hanut 174, Triq Rudolfu, Sliema lill-intimati versu l-kera ta' hames mitt Ewro (€500) fis-sena li jithallas darba fis-sena bil-quddiem.

Illi l-intimati biddlu d-destinazzjoni tal-fond kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Illi l-intimati ssullokaw jew assenjaw il-kera lil terzi minghajr il-kunsens tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess ta' l-imsemmi hanut.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Semgha l-provi;

Ikkonsidra:

Illi din hija kawza promossa fuq istanza ta' sidien ta' fond mikri lill-intimati bit-talba li jirriprendu dan il-fond minhabba allegat ksur tal-konidzzjonijiet lokatiziji. Dak li jallegaw ir-rikorrenti huma tnejn mir-ragunijiet elenkati fil-ligi specjali li dwarhom il-Bord jista' jilqa' t-talba, liema ragunijiet jinsabu ravvizati fl-artikolu 9(a) tal-Kap 69;

Illi l-intimati, minkejja li notifikati bir-rikors promutur naqsu milli jikkontestaw il-kawza kif ukoll milli jkunu prezenti biex iressqu l-objezzjonijiet taghhom. Minkejja dan, il-Bord xorta wahda huwa tenut li jezamina l-fatti qabel jasal biex jiddeciedi dwar it-talbiet tas-sidien. F'dan il-Kaz, il-provi huma skarsi ghall-ahhar tant li qed ikunu riprodotti *verbatim*. L-uniku xhud, wiehed mir-rikorrenti, fil-fatt ddepona hekk : *"Jiena nikkonferma l-kontenut tar-rikors promutur. Fil-fond qed tirrisjedi persuna li mhix il-persuna inkwilina, qatt ma talabna permess biex isir dan u lanqas kera m'ahna nithallsu.";*

Skond ir-rikors promutur, dan il-fond inghata lill-intimati bhala hanut izda mix-xhieda ta' wiehed mir-rikorrenti, dan il-fond issa qed tirrisjedi fih persuna ohra;

Il-Bord m'ghandux ghalfejn jiddubita mid-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti u ghalhekk it-talbiet taghhom ghandhom ikunu milqugha;

Ghalhekk il-Bord qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum sabiex l-intimati jizgombraw mill-fond in mertu.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------